**Eżamijiet Annwali ta' l-Iskola Sekondarja 2004**
Education Assessment Unit – Education Division

---

**Form 3** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

---

**Isem**: ______________________________________ **Klassi**: ______________

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Taqsima **1: Il-Belt Valletta**

## A: **Aqta' sing taħt it-tajbin**:

1. Il-Belt kapitali ta' Malta hija msemmija għall-Granmastru (La Valette, De Vilhena, Hompesch).
2. Il-pjanti għall-bini tas-swar tal-Belt Valletta għamilhom (Lapparelli, Mondion, il-Papa Piju V).
3. Bosta bini importanti ġewwa l-Belt Valletta ġie mibni fuq pjanti ta' (Dun Gejtan Mannarino, Franġisku Lapparelli, Ġlormu Cassar).
4. Il-Belt Valletta nbniet fuq biċċa art li qabel kienet tissejjaħ (il-Post il-Kbir, Ix-Xagħra tal-Kapitali, l-Għolja Xebb ir-Ras).
5. It-toroq tal-Belt huma (mgħawġin, dritti, żigużajg).
6. (Il-Mandraġġ, Il-Menqa, Il-Baċir) kien post fejn jiddaħħlu x-xwieni f'każ li tinqala' gwerra.
7. Il-Kavallieri kellhom post bħal dan fejn jiddaħħlu x-xwieni fil-Birgu. Fil-Belt bdew jaqtgħu l-blat biex jagħmlu ieħor, imma kellhom jieqfu meta (nqalgħet gwerra, sabu blat iebes, faqqgħet il-marda tal-pesta).
8. Fil-Belt il-Kavallieri bnew sptar li sar famuż ma' l-Ewropa kollha. Kienu jsejħulu (il-Berġa l-Kbira, is-*Sick Bay*, is-Sacra Infermeria).

(1 x 8 = 8 marki)

## B: **Qabbel dawn id-dati mal-ġrajjiet billi tikteb numru fil-kaxxi vojta**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | 1565 | Tibda tinbena l-Belt Valleta | |
| 2 | 1566 | L-Assedju l-Kbir | |
| 3 | 1798 | Jirvellaw il-qassisin kontra l-Kavallieri | |
| 4 | 1775 | Napuljun ikeċċi lill-Kavallieri | |

(1 x 4 = 4 marki)

## C: Agħti raġuni għaliex il-Belt Valletta inbniet fejn nafuha u mhux x'imkien ieħor:

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

**D**: **Aqra dan li ġej**:



Din hija tpenġija tal-**Knisja Konventwali ta' San Ġwann**. Din kienet il-Knisja prinċipali tal-Kavallieri.

Il-Knisja Prinċipali tal-Knisja Maltija nsejħulha KATIDRAL. Dan qiegħed l-Imdina.

Kien fi żmien il-ħakma ta' l-Ingliżi li San Ġwann sar KON-KATIDRAL, kif għadna nsejħulu sal-lum.

Il-Kavallieri, minbarra li bnew il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, żejnu dan it-tempju b'teżori ta' l-arti mill-aqwa.

**<u>Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta</u>**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Mattia Preti | Pittura tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann | |
| 2 | Ġlormu Cassar | Statwa tal-magħmudija ta' Ġesu` | |
| 3 | Caravaggio | Pjanti għall-bin tal-knisja konventwali ta' San Ġwann | |
| 4 | Ġużeppi Mazzuoli | Pitter is-saqaf tal-knisja konventwali | |

(4 marki)

**E**: **<u>Wieġeb</u>**:



Il-Berġa ta' Kastilja

138

Fl-istampa qed tara l-faċċata tal-**berġa ta' Kastilja**:

1. Min għamel il-pjanti tal-berġa ta' Kastilja?

_______________________________ (1)

2. Għall-ewwel il-faċċata ta' dil-berġa kienet lixxa. Il-Granmastru Pinto żejjen il-faċċata bil-lavur li nistgħu naraw illum. Dan l-istil li jidher illum jissejjaħ (Barokk, Mannerista, NeoKlassiku). Aqta' sing. (1)

3. Berġa oħra li nistgħu naraw illum fil-Belt Valletta hija:___________________________ (1)

4. Illum il-ġurnata, x'użu jista' jkollhom dawn il-bereġ?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2)

(total = 5 marki)

Taqsima **2: Id-difiża ta' Malta fi Żmien il-Kavallieri**:

**F**: **Imla l-vojt skond din il-mappa**:

(din il-mappa turina l-Iżvilupp tal-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-portijiet fi Żmien il-Kavallieri)




**Uża dan il-kliem**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Port il-Kbir | Cottonera Lines | Firenzuola Lines | Port ta' Marsamxett |
| Furjana | Forti Tigne` | Forti Manoel | Forti Ricasoli |

1. Il- ________________________________ huwa immarkat bl-ittra **A** filwaqt li l-________________________________ huwa immarkat bl-ittra **B**.
2. Fl-Assedju l-Kbir it-Torok inħbew fid-djar ta' Bormla. Dan fixkel ħafna id-difiża tal-Kavallieri u l-Maltin. Biex jagħlqu dawn id-djar wara swar b'saħħithom il-Kavallieri bnew il- ________________________________ li fil-mappa għandhom in-numru **1**.
3. Billi komplew jinbnew iktar djar ftit 'il bogħod minn Bormla, il-kavallieri bnew ċintorin ieħor ta' swar (ara Numru **2**) magħrufa bħala l- ________________________________ .
4. Biex tissaħħaħ il-Belt Kapitali min-naħa ta' l-art il-Granmastru De Paule bena s-swar tal-__________________________ immarkati bin-Numru **3**.

5. Biex tissaħħaħ il-Belt min-naħa ta' Marsamxett, il-Granmastru De Vilhena bena l- ___________________________ fuq il-gżira li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala *L'Isola di Marsamuscetto*.

6. Biex tissaħħaħ dejjem iktar id-difiża taż-żewġ portijiet ewlenin il-Kavallieri bnew il- ___________________________ immarkat bin-Numru **5** u l- ________________________ fejn hemm in-Numru **6**.

(1 x 8 = 8 marki)

## G: <u>Aħseb imbagħad wieġeb</u>:



Din l-istampa hija tpenġija ta' *Joanne Mifsud*. Turina x-xogħol waqt il-bini tas-swar.

Hawn min jgħid li dawk is-swar illum għadda żmienhom. Huma bla użu u jfixklu l-iżvilupp u l-kummerċ. Aħjar intellgħu lukandi għat-turisti minn flokhom.

Taqbel? Jew ma taqbilx?

Ikkummenta fil-qosor dwar dan.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(6 marki)

## H: **Aqra dan li ġej**:




Il-Granmastru Wignacourt bena torrijiet imprtanti f'xi bajjiet fejn ġieli niżlu l-pirati u l-ħallelin tal-baħar. Fl-istampa (tax-xellug) jidher il-Forti San Luċjan li għadu sal-lum jidher jgħasses il-bajja ta' Marsaxlokk.



**Wieġeb**:

1. Semmi żewġ torrijiet oħra li bena Wignacourt:

   (a) ____________________________ (b) ______________________________ (2)

2. Madwar il-kosta tal-Gżejjer Maltin inbnew 13-il torri iżgħar minn dawk ta' Wignacourt. Dawn kienu torrijiet għall-għassa biss. Fl-istampa tal-lemin jidher wieħed minnhom. Min kien il-Granmastru li minn butu bena dawn it-torrijiet?

   ____________________________________________ (2)

3. Semmi forti li ġie mibni mill-Kavallieri qrib il-port ta' l-Imġarr Għawdex.

   ______________________________________________________________ (2)

4. X'taħseb li kien ir-riżultat tal-bini ta' dawn il-fortizzi u torrijiet madwar il-kosta ta' Malta u Għawdex? Immarka t-tnejn tajbin biss: (2)

| | | |
|---|---|---|
| A | Inħoloq iktar xogħol għall-ħaddiema Maltin | |
| B | Bosta Maltin kellhom jemigraw | |
| C | Iktar Maltin bdew joqogħdu u jgħixu fl-irħula ta' madwar il-kosta bla biża' mill-pirati u l-ħallelin tal-baħar | |
| D | Żdied is-serq mill-irziezet tal-kampanja | |

(total eżerċizzju H = 8 marki)

## Taqsima **3: It-tmexxija tal-Kavallieri**:

**I**: Wieġeb billi tikteb **VERU** jew **FALZ**:

1. Il-flotta tal-Kavallieri kienet tikkonsisti f'inqas minn 10 xwieni. ____________
2. Il-Kavallieri ħadu sehem fil-Battalja ta' Lepanto. ____________
3. Fil-Battalja ta' Lepanto ix-xwieni Nsara rebħu lil dawk Torok. ____________
4. Mal-flotta tal-Kavallieri ma kinux jaħdmu Maltin. ____________
5. Il-qalfat kien jaħdem fuq il-bini tas-swar. ____________
6. Il-qassisin darba ippruvaw iqajmu rewwixta kontra l-Kavallieri għax il-Kavallieri kienu qed jgħaddu bosta liġijiet ħorox li bihom il-Maltin kienu qed ibatu ħafna. ____________
7. Meta kien hawn laxkezza kbira, u kulħadd beda kważi jagħmel li jrid, l-ilsiera li kien hawn Malta ippruvaw jagħmlu konfoffa li ma rnexxietx. ____________
8. Il-bini tal-Palazz ta' Sant Anton ġewwa Ħ'Attard u l-bini ta' fortizzi madwar il-kosta ġabu progress għall-ħaddiema Maltin. ____________
9. Ġanni Attard kien Malti, mgħallem tal-bini, li ħadem fuq l-Akwedott. ____________
10. Il-Kavallieri kienu sinjuri, kellhom ħafna flus, imma qatt ma nefqu xejn fuq xi proġett fil-gżejjer Maltin. ____________

(1 x 10 = 10 marki)

**J**: Agħżel minn dawn il-Granmastri u imla l-vojt:

De Paule, Hompesch, De Vilhena, Wignacourt, La Cassiere, Pinto, Ximenes.

| | | |
|---|---|---|
| A | Rvell tal-qassisin | |
| B | Konfoffa ta' l-ilsiera | |
| C | Tkeċċija tal-kavallieri minn Malta minn Napuljun | |
| D | Tisbiħ u xi bini mill-ġdid ta' partijiet mill-Imdina | |
| E | Bidu tal-bini ta' Raħal Ġdid | |
| F | Bini tal-knisja konventwali ta' S Ġwann | |
| G | Bini ta' l-Akwedott | |

(7 marki)

## Taqsima **4: Il-Franċiżi f'Malta**:

**K**: Aqra dan li ġej:



Il-Kavallieri kienu sinjuri, kellhom ħafna flus. Il-ġid tagħhom kien ġej l-iktar mill-artijiet li l-familji sinjuri tagħhom kellhom fl-Ewropa, l-iktar fi Franza.

Ir-Rivoluzzjoni Franċiża waqqfet id-dħul li kellhom il-Kavallieri minn dawn l-artijiet. Allura l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta, beda sejjer lura bħal granċ. Il-*Konfoffa ta' l-Ilsiera* u l-*Irvell tal-Qassisin* urew kemm l-Ordni kien wasal fl-aħħar.

**Wieġeb**:

1. Napuljun bi flotta u armata Franċiża ġie Malta (fl-1798, 1500, 1900). Aqta' sing. (1)
2. Bosta Kavallieri kienu (Franċiżi, Amerikani, Ingliżi) u dawn żammew ma' Napuljun. (1)
3. X'kienet l-iskuża li ġab Napuljun meta ried idaħħal ix-xwieni tiegħu fil-port ta' Malta?
   _______________________________________________ (2)
4. Fil-ftit jiem li dam Malta, Napuljun għamel bosta riformi (tibdiliet). Semmi waħda:
   _______________________________________________ (2)
5. Il-Franċiżi ġew Malta f'Ġunju. Wara sitt ijiem biss f 'Malta, Napuljun baqa' sejjer bil-flotta lejn l-Eġittu. Ħalla warajh bosta suldati Franċiżi. Il-Franċiżi ma mxewx tajjeb mal-Maltin. F'Settembru beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi.

   Agħti żewġ raġunijiet għala l-Maltin irvellaw kontra l-Franċiżi:

   (a) _______________________________________________

   (b) _______________________________________________ (4)
6. Fejn beda l-irvell tal-Maltin? _______________________________ (2)
7. Semmi belt fejn inqaflu l-Franċiżi biex jiddefendu ruħhom meta beda dan l-irvell.
   _______________________________________________ (2)
8. Semmi patrijott Malti li ġie xkubettjat mill-Franċiżi għax ipprova jmexxi konfoffa kontriehom.
   _______________________________________________ (2)
9. Semmi pajjiż barrani li għen lill-Maltin kontra l-Franċiżi. ______________________ (2)
10. Fis-sentejn bejn l-1798 u l-1800 il-Gżejjer Maltin ġew immexxija minn tliet qawwiet barranin. Semmihom: (a) __________________ (b) __________________ (c) ____________ (3)

(21 marka)

Taqsima **5:** Eżerċizzju **L:** **Bliet u rħula Maltin**:



*M Perez D’Aleccio ħallielna din ix-xena antika tal-Birgu li tmur lura għal madwar is-sena 1565.*

1. Immarka żewġt ibliet imdawrin bis-swar:

   BIRGU BIRKIRKARA ŻURRIEQ ISLA SIĠĠIEWI

2. Immarka żewġt ibliet imdawrin bis-swar li għandhom is-subborg tagħhom jismu **Rabat**.

   MDINA KALKARA ĊITTADELLA FONTANA QORMI

3. Immarka żewġt irħula li ingħataw it-titlu ta’ BELT minn xi Granmastru:

   ŻEBBUĠ GUDJA KIRKOP ŻABBAR NAXXAR

4. Immarka żewġt irħula li fihom insibu sqaqien u toroq imserrpin:

   TA’XBIEX STA LUĊIJA RAĦAL ĠDID QRENDI MQABBA

5. Immarka żewġt irħula li llum ma għadhomx jgħixu nies fihom:

   ĦAL MILLIERI ŻEJTUN BIRŻEBBUĠA BIRMIFTUĦ M’XLOKK

(5 x 2 = 10 marki)

6. Ikteb ftit linji fuq **wieħed** minn dawn: BIRGU, ĊITTADELLA, MDINA. Għid kif dan jista’ jgħin lill-ekonomija Maltija:

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________(6 marki)